

# Il-Piż u l-Ġarr tal-Basktijiet tal-Iskola

## 1. Innaqqsu t-toqol tal-basktijiet

- Evita li tieħu miegħek il-kotba tal-iskola li mhumiex fit-timetable tiegħek. Filgħaxija ċċekkja t-timetable sew biex tiżgura li ma tkunx daħħalt kotba jew pitazzi li mhumiex meħtieġa fil-basket.
- Tħallix pitazzi żejda fil-basket. Dawn jistgħu jinżammu mill-għalliema fil-klassi. Inkella, jistgħu jitħallew fil-lockers.
- Jekk tkun se tuża fajls minflok pitazzi, ħu miegħek biss il-foolscaps li jkollok bżonn ġo folders, imbagħad meta tiġi lura mill-iskola qiegħdhom fil-fajls skont is-suġġett, b'hekk tevita milli toqgħod iġġorr fajls tqal.
- Tiħux affarijiet miegħek li mhumiex meħtieġa, bħal raincoats f'temp sabiħ, logħob jew ġugarelli.
- Jekk fl-iskola hemm il-lockers, użahom b'mod għaqli.
- Tiħux il-kotba tal-librerija miegħek l-iskola. Dawn għandhom jinqraw id-dar u jinġiebu lura fil-librerija tal-iskola fid-data li jkun hemm indikata fil-ktieb.



## 2. Il-Ġarr tal-basktijiet



- Qiegħed il-basket madwar 5 ċentimetri 'l fuq mill-qadd.
- Erfa' l-basket fuq dahrek, biċ-ċineg fuq iż-żewġ spallel. Meta l-basket jinġarr b'dan il-mod, tkun qed issir inqas ħsara milli kieku kellek iġġorru fuq spalla waħda jew terfgħu f'id waħda.
- Biex il-basket jintrefa' sew, qiegħdu fuq wiċċ ċatt, u waqt li tagħmel dahrek mal-basket, daħħal dirgħajk fiċ-ċineg. Inkella, xi ħaddieħor jista' jżommlok il-basket waqt li tkun qiegħed iddaħħal dirgħajk fiċ-ċineg.
- Tbandalx il-basket waqt li tkun se terfgħu fuq dahrek, u lanqas m'għandek tgħawweġ dahrek għax tista' tweġġa' jew tagħmel ħsara lis-sinsla.
- Ara li l-basket jiffittja sew mad-dahar u tħallihx imdendel 'l isfel mill-ispallejn.
- Qiegħed l-itqal oġġetti, bħat-tablet, l-eqreb kemm jista' jkun ta' dahrek.
- Agħmel użu tajjeb mill-kompartimenti tal-basket biex tnaqqas iċ-ċans li l-affarijiet li tqiegħed fihom joqogħdu jiċċaqalqu.



- Waqt l-assembly, tħallix il-basket merfugħ fuq dahrek. Dan għandu jitqiegħed mal-art.
- Evita li timxi sal-iskola b'basket tqil. Jekk toqgħod 'il bogħod mill-iskola, uża t-trasport tal-iskola.
- Toqgħodx tiġri fil-kurituri jew fil-bitħa waqt li tkun qed iġġorr il-basket, jew titla' tiġri t-taraġ bil-basket fuq dahrek għax tista' tkorri jew tikkawża uġigħ fid-dahar.
- Ilbes żarbun tajjeb għall-iskola u li jipprovdi sapport lid-dahar.